# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Preliminari 3059

Każ numru 4319/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Giridharbabu Hemasundaram
Pass No: (M0202354) India
u
Principal Search Consulting Malta Ltd.
(C 95165)
dwar terminazzjoni mill-impieg

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**
**Illum 10 ta' Marzu 2025.**

Fl-ewwel seduta ta' dan il-każ, **l-Avv: Andrew Grima**, f'isem il-kumpanija Principal Search Consulting Malta Ltd, ittratta it-talba għal eċċezzjoni preliminari fuq tlett punti kif elenkati fid-dikjarazzjoni imressqa minnu stess.

1. Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa null u irritu stante li ma ġiex intavolat bil-lingwa Maltija. Nonostante li fil-premessi tar-rikors issir referenza għall-Artikolu 2(b) tal-Kapitolu 189 tal-ligijiet ta' Malta, ma ġietx segwita l-proċedura kontemplat fil-liġi u dan għaliex propju ma jistax jippretendi r-rikorrenti illi jaqbad u jintavola rikors promotur bil-lingwa Ingliża u fil-premessi sempliċiment jirreferi għal artikolu ċitat. Skont il-proċedura stabbilita kellu jiġi intavolat rikors bil-lingwa Maltija u mbagħad jintalab , permezz ta' rikors appozitu, li l-proċeduri jitkomplew bil-lingwa Ingliża. Din il-proċedura ma ġietx segwita;

2. Illi fit-tieni lok, wkoll in linea preliminari, jidher mill-atti illi ir-rikorrenti la huwa domiciljat u l-anqas residenti Malta u għaldaqstant ai terminital-Atikolu180(1) (a) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta huwa kellu jaħtar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentah lokalment. Dan iġib miegħu n-nullita'm tal-proċeduri odjerni:

3. Illi fit-tielet lok, wkoll in linea preliminari, t-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur huma improponibbli stante illi dana l-Onorabbli Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni jisma ilmenti dwar pagi. It-Tribunal Industrijali skont il-Kap.452 għandu ġurisdizzjoni speċjali u limitata

hekk kif aċċennat fid-deċiżjoni , Karmenu Vella vs General Workers Union mgħotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2010. Kif jirrizulta ċar mit-talbiet rikorrenti hawn qiegħed jintalab li jitħallsu xi salarji li allegatament ma tħallsux. Din hija kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-Artikolu 44 tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta.

Minn naħa tas-Sur Girdharbabu Hemasundaram, fir-risposta tiegħu, permezz ta' **l-Avv. Adrian Sciberras** ikkontenda li

1. The Industrial Tribunal can set its own rules;
2. In terms of article 75(2) of Chapter 452 a representative is allowed to file a case on behalf of an applicant.
3. The applicant had no other choice but to open his case here in Malta in the Industrial Tribunal due to the fact that the indefinite employment contract that the Applicant signed with the company is governed by Maltese Law.
4. The Appellant refers to the basic procedural rule of Audi Alteram Partem, the Tribunal has to hear all the parties to a case so that natural justice can take place .
5. Contrary to point 2 of the defendants reply, the Plaintiff has been included in the correspondence and is party of the case, even though not physically in Malta , the Applicant is being represented by his lawyers and if requested an attorney can be empowered by order of the Tribunal who has the right to set its own procedures.
6. It is being contended from the applicant's side that the company has been trying to use the means of procrastination leading to Subversion of Justice

It-Tribunal Industrijali fid-deliberazzjoni tiegħu fela bir-reqqa dovuta, in-noti sottomessi kemm minn naħa tal kumpanija Principal Search Consulting Ltd (C-95165) kif ukoll minn naħa ta' applikant Giridharbabu Hemasundaram permezz ta' l-Avv; Andrew Grima u l-Avv Adrian Sciberras.

Tali deliberazzjoni dan it-Tribunal iggwida ruħu mal-Kap 12 Art 964 (1) u ai termini ta' Kap 452 Art 78(3) fejn jistipula li ' ***Bla ħsara għad-disposizzoinijiet ta' dan l-Att u ta' kull regola magħmula jew li huma meqjusa li saru taħt dan l-artikolu. It-Tribunal għandhu jirregola l-proċeduri tiegħu stess'***. L-għan ta' dan l-artikolu, dejjem kien li it-Tribunal Industrijali għandhu ikun dak immexxi mill-fatti u mhux mir-regolamenti u l-proċeduri . Dan kien dejjem espress fil-fehma tal-leġislatur li kellu l-għan prinċipali li hekk għandhu ikun. (Rif Seduti parlamentari Nru 536 tat tnejn 5 ta' Lulju 1976).

Dan huwa konfermat aktar bid-deċiżjoni tal Qorti Kostituzzjonali (STO Joseph Said Pullicino, Carmel Agius u D. Camilleri 30/4/2001) fil każ ta' Goldvest Co Ltd vs Attorney Genaral ), fejn il-Qorti tgħid ċar u tond illi' ***mhux biss kien permess illi t-Tribunal jadegwa il-proċedura għaċ-ċirkostanza, fid-***

***deskrizzjoni tiegħu, imma wkoll seta' jkun obbligat li hekk jagħmel fl-interess tal-Ġustizzja biex jagħti opportunita' sħiħa ta' kontestazzjoni'*** .
Jagħmel ukoll referenza għar-risposta li kien ta l-Avukat Ġenerali u li tidher fl-istess deċiżjoni fejn kien wieġeb hekk **"Huwa prinċipju stabbilit illi Tribunali Amministrattivi għandhom is-setgħa li jirregolaw il-proċeduri tagħhom sabiex jaraw li ssir ġustizzja fil-mertu, u ma jaqtgħux il-kwistjonijiet li jkollhom quddiemhom fuq bażi ta' teknikalitajiet legali li jservu biss biex jinħeba is-sewwa**".
It-Tribunal ikkonferma punt cardinali li l-kuntratt ta' l-impieg li sar bejn iż-żewġ pattijiet involuti fil każ, jirreferi speċifikament li tali kuntratt jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni Maltija, u għaldaqstant ma jarax għaliex il-każ m'għandux jieħu il-perkors tiegħu.
It-Tribunal huwa obbligat li jara li il-partijiet kollha għandhom jingħataw opportunita sħiħa ta' kontestazzjoni sabiex  issir il-ġustizzja fil-mertu tal-każ, u l-ebda regolament jew proċedura oħra m'għandhom jindaħlu li jistgħu joħolqu riskju li il-ġustizzja vera ma seħħx.

Għalhekk f'dan l-istadju it-Tribunal Industrijali għandhu ikompli bis-smiegħ tal-każ

(iffirmat)

**James Pearsall**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Graziella Borg**
**Għas-Segretarju**